## 'KTIEB TA' TIFKIRA'

F'dan il-Ktieb ta' Tifkira **"IKKONSAGRATA – Monument ta' Fidi ta' Poplu"** insibu ġabra ta' kitbiet interessanti minn awturi magħrufa dwar l-Istorja ta' 107 snin li ilha mwaqqfa l-Parroċċa ta' Kristu Re, f'Raħal Ġdid. Fil-bidu tal-Ktieb, il-W.R. Kan. Dun Marc Andre` Camilleri, Kappillan attwali, filwaqt li jfakkarna fir-rit tal-Konsagrazzjoni tal-knisja, jurina kif b'dan ir-rit il-binja tal-ġebla ssir il-qofol tal-imħabba tal-bniedem lejn Alla.

Alfred Ellul Galea jfakkarna f'dak kollu li għaddiet minnu l-parroċċa u l-komunita` tal-lokal matul is-snin kollha li damet tinbena. Kemm ħadmu u batew missirijietna biex bl-għaraq ta' xbinhom tellgħu dan it-tempju maestuż li hu l-akbar wieħed f'Malta!

Simon Merieca bl-istil tiegħu jwasslilna tagħrif li ġabar mingħand persuni protagonisti li għexu dak iż-żmien dwar ħafna minn dak li seħħ minn wara l-kwinti sa dak il-jum tant importanti tal-Konsagrazzjoni tal-knisja fl-1967.

Fabian Mangion jiġbor fil-qosor tagħrif dwar il-Kappillani kollha li mexxew b'tant ħeġġa u żelu lil din il-Parroċċa minn Awwissu 1910 sal-ġurnata tal-lum. Filwaqt li kull wieħed minnhom dejjem wettaq il-ħidma tiegħu pastoralment, ħadd minnhom qatt ma baqa' lura milli jkompli jsebbaħ dan it-tempju ta' Alla bl-għajnuna tal-ġenerożità tal-poplu.

Din it-Tifkira tinkludi wkoll numru sabiħ ta' ritratti tal-epoka u tal-lum li wħud minnhom qed jidhru għall-ewwel darba. Ktieb storiku bħal dan żgur li għandu jsib postu fil-libreriji ta' dawk kollha li jħobbu l-istorja ta' Malta b'mod speċjali dik ta' Raħal Ġdid.

**KUMMISSJONI 50 SENA MILL-KONSAGRAZZJONI**
**TAL-KNISJA PARROKJALI MATRIĊI KRISTU RE, PAOLA**

9 781234 567897

50 Sena Ikkonsagrata 1967-2017
Parroċċa Kristu Re, Paola

**IKKONSAGRATA Monument ta' Fidi ta' Poplu**

**Kummissjoni 50 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokjali Matriċi Kristu Re, Paola**



# Ikkonsagrata

## Monument ta' Fidi ta' Poplu

# L-Istorja minn wara l-Kwinti tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja ta' Raħal Ġdid

*Dr. Simon Mercieca*

Meta kont ġejt avviċinat biex nikteb dwar il-konsagrazzjoni tal-knisja ta'Raħal Ġdid u ċ-ċerimonja li saret ħamsin sena ilu, indunajt kemm il-memorja storika ta' fatt li ġara f'għomor ta' bniedem hija diffiċli biex tibniha kompletament. Illum, ħafna qassisin li kienu preżenti għal dik iċ-ċerimonja ma għadhomx magħna. Meta bdejt ir-riċerka u sakemm ktibt dan l-artiklu, dawk fil-parroċċa li kien għad fadal kienu tlieta, jiġifieri, Dun Mario Agius, Monsinjur Edgar Attard u Monsinjur Lawrence Gatt. Minn dawn it-tlieta, l-aktar persuna li ftakar x'ġara sew dak inhar kien Dun Mario Agius. Ħafna mill-informazzjoni dwar dak li ġara' dakinhar ġie mogħti lili minnu. Kien verament providenzjali, li lħaqtu fil-ħin u tani ħafna informazzjoni u anki laħaq qara t-test qabel ma bgħattu biex jiġi mitbugħ. Persuna oħra li kienet preżenti u llum qassis, u ħadet sehem fir-rit sagru kien Dun Pawl Galea. Galea kien għadu abbati f'dik il-ħabta. Kien għamel is-servizz li jkun wara l-arċisqof biex iżommlu l-mitra. Biss ftit li xejn jiftakar minn dak li ġara f'Raħal Ġdid dakinhar u dak li jiftakar ma jmurx lilhinn minn dak li nafu dwar dan il-jum.

Imbagħad ma' din ir-riċerka, żidt dak li ta tifel, bħala abbati f'din il-knisja, kont niftakar qassisin jew persuni oħra jirrakkuntaw dwarha. Dun George Deguara dejjem kien jirreferi għal xi aspetti ta' din iċ-ċerimonija, waqt il-prietka tal-Ħadd li fiha kienet tiġi kkommemorata l-konsagrazzjoni tal-knisja. F'dik l-okkazjoni, hu kien għadu seminarista. Dun Ġużepp Abdilla, Dun Eddie Huntingford u l-mibki u qatt minsi l-kappillan Dun Adolf Agius jew kif konna nafuh bħala Dun Dofi, ukoll ġieli tkellmu dwarha.

Ma' dawn l-istejjer ser inkun qed ninseġ stejjer oħra li smajt dwar il-bini ta' din l-istess knisja, kif kienu jiġu rrakkontati lili mill-protagonisti nfushom u li llum ma għadhomx magħna. Magħhom għarrixt id-dokumentazzjoni fil-Kurja tal-Arċisqof iżda l-informazzjoni hija skarsa. Ftit li xejn il-gazzetti tkellmu dwarha. Ikolli nammetti li kienu dawn l-istejjer li kont nisma' fis-sagristija li ġabuni nħobb l-istorja u llum saret parti integrali tal-professjoni tiegħi. Ta' tifel fuq ruħi kont inħobb nixrob mingħand ix-xjuħ tar-raħal, li kienu jinġabru ta' kull filgħaxija fis-sagristija, jirrakkuntaw ġrajjiethom u stejjer marbuta ma' Raħal Ġdid. Fost dawn nixtieq insellem il-memorja ta' Rogantin Nicholas, li kellu missieru, Antonio, veduttista. Kont nogħxa nisimgħu jitkellem fuq Santa Ubaldeska u l-bidu tal-parroċċa, waqt li missieru kien wieħed mill-promuturi għall-bini ta' din il-knisja.



*Dan ir-ritratt juri l-ħaddiema flimkien mal-voluntiera jaħdmu fuq il-bini tal-knisja*

Smajt ħafna stejjer dwar nies li taw sehemhom biex seħħet ħolma li minn ġo wieħed mill-ifqar irħula seta' jinbena l-ikbar tempju Kristjan f'Malta. Din il-



IT-TORĊA — Il-Ħadd, 4 ta' Ġunju, 1967

IL-KNISJA PARROKKJALI TA' RAHAL GDID IKKONSAGRATA

Minn JOE FINO

Rapporti dwar proġetti mill-Amerikani f'Għawdex miċħuda

*Dan l-artiklu deher fuq il-paġna 4 ta' 'It-Torċa', miktub mill-ġurnalista Joe Fino. 'It-Torċa' kienet l-uniku ġurnal li ppubblika din il-ġrajja.*

ħolma ma setgħetx isseħħ mingħajr il-ħidma ta' ħafna nies, li ħadmu b'mod volontarju u llum xogħolhom u isimhom intesa għal kollox. Ħafna minnhom laħquh dan il-jum tant mistenni tas-Sibt, 3 ta' Ġunju 1967, biex jaraw dan it-tempju jkun ikkonsagrat lil Alla. Oħrajn raw dan il-jum mis-sema.

Fuq kollox, din il-grajja kienet irrappurtata fil-ħarġa tal-għada l-Ħadd, 4 ta' Ġunju ta' 'It-Torċa'. B'hekk 'It-Torċa' tkun l-unika gazzetta li titkellem dwar din il-konsagrazzjoni. L-artiklu kitbu Joe Fino u jinsab f'pagna 4.

Hu artiklu informattiv u interessanti ħafna bit-titlu *Il-Knisja Parrokkjali ta' Raħal Ġdid Ikkonsagrata*. Jagħti anki ritratt tal-erba' 'djakni' jġorru r-relikwi tal-qaddisin waqt iċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni.

L-artiklu jiftaħ b'sentenza ta' natura storika."Wara 44 sena li tqiegħed is-salib mill-kappillan Dun Salv Chircop fl-għalqa li fuqha hemm mibnija l-knisja parrokkjali ta' Raħal Ġdid, il-bieraħ il-Kappillan preżenti Don Adolfo Agius, il-kleru u l-poplu ta' dan ir-Raħal kienu ferħana li wara dawn is-snin jaraw il-knisja tagħhom tiġi kkonsagrat*a lil Kristu Re minn Mons Arċisqof M. Gonzi*".

Il-bini tagħha kien wieħed twil u iebes. Bdiet taħt it-tielet Kappillan Enrico Bonnici li fi żmienu saru aktar minn pjanta waħda tal-knisja u kien beda l-ġbir. Meta ġie lura f'Raħal Ġdid l-ewwel kappillan, Dun Salv Chircop fl-1922 sab is-sodda mifruxa. F'Lulju ta' dik is-sena, il-Kappillan Chircop waqqaf kumitat għall-bini tagħha. Fost il-membri tiegħu, kien hemm, is-Sur Giovanni Cassar, is-Sur Franġisku DeGiovanni u s-Sur Giovanni Baldacchino, is-Sur Antonio Nicholas u s-Sur Giuseppe Balzan. Kien hemm ukoll Arturo Mifsud li flimkien ma' DeGiovanni, dawn kienu reviżuri tal-kontijiet. Is-segretarju kien Dun Ġużepp Ascolese. Tqabbad tim ta' periti, magħmul minn Ġużé Damato li għamel il-pjanti u kellu jieħu ħsieb ix-xogħol tal-kostruzzjoni. Hu kien megħjun mill-Perit Filippo Tortell, il-Perit Ronaldo Soler ta' Tas-Sliema u l-PeritAndrea Micallef ta' Ħal Luqa. Filippo Tortell kien il-kuġin ta' Dun Enrico Bonnici.

Fl-ewwel ta' April tal-1923, twaqqaf is-salib bil-kwadru tal-Qalb ta' Ġesu` fuqu u tbierket l-art li fuqha kienet ser tinbena din il-knisja. Fit-30 Ġunju tal-istess sena tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-pedament (illum tinsab taħt il-kampnar tal-qniepen) u saret santa ta' tifkira.

B'hekk bdiet triq twila u għat-telgħa li wasslet għall-bini ta' din il-knisja li kif qal tajjeb Fino ħadet 44 sena biex tlestiet mill-qafas tagħha. Matul dan iż-żmien reġa' ġie Dun Enrico Bonnici

bħala amministratur tal-parroċċa wara l-mewt tal-Kappillan Chircop fl-1928. Warajh laħaq Kappillan Dun Manwel Vella (1928-1937). Imbagħad kien imiss lil Dun Franġisku Xuereb, l-ewwel kappillan li missieru ġie Raħal Ġdid meta hu kien djaknu. Serva ta' kappillan bejn 1937-1962. Fl-1951 Dun Adolf Agius laħaq ko-aditur u sar kappillan effettiv fl-1962. Kien ukoll mir-raħal. Flimkien ma' ħafna qassisin, fosthom Dun Ugo Gambin u Dun Karm Farrugia,ħafna lajċi, dawn kollha ħadmu biex jaraw dan it-tempju jitlesta għall-jum tat-3 ta' Ġunju 1967.



*Dan ir-ritratt juri l-purċissjoni li kienet saret fit-2 ta' April 1923 bis-salib u s-Santa tal-Qalb ta' Ġesù fit-Triq Bormla jew kif kienet magħrufa aħjar Triq iċ-Ċiċri. Fi tmiem il-purċissjoni ġiet imbierka l-art li fuqa kienet ser tinbena l-knisja mill-Kappillan Salvatore Chircop*

Biex knisja setgħet tiġi kkonsagrata kellha bżonn tkun lesta u fuq kollox ma kienx hemm djun fuqha. B'hekk knisja kbira bħal din, meta ġiet ikkonsagrata, ħamsin sena ilu, mhux biss kienet strutturalment kompluta, iżda wkoll imħallsa. Monument kbir tal-ġenerożità tal-poplu kollu Pawlist.

Din ma kinetx l-uniku knisja li nbniet f'dik il-ħabta f'Raħal Ġdid. Il-Patrijiet Kapuċċini kienu bnew knisja oħra f'Għajn Dwieli, u ftaħru li kien miraklu ta' Sant'Antnin li nbniet f'sena. Kien fatt magħruf li l-Arċisqof Gonzi kien ikun irid li l-knejjes jikkonsagrahom hu. Biss il-patrijiet, kellhom dritt li jġibu isqof mill-Ordni tagħhom biex jikkonsagra l-knejjes tagħhom.

Fl-1962, l-ex-Kappillan Franġisku Xuereb sar Monsinjur Onorarju. Hu ried, u naħseb kellu raġun, li l-ewwel ma kellha tkun ikkonsagrata kienet il-knisja parrokkjali u wara ssir il-konsagrazzjoni tal-knisja tal-patrijiet Kapuċċini ta' Għajn Dwieli. Il-patrijiet ma kellhom l-ebda problema fuq dan l-arranġament.

L-Arċisqof Gonzi ried jagħmel il-konsagrazzjoni f'Mejju tal-1967, iżda d-data li għażel ħabtet ma' tieġ li kien ilu bbukkjat fil-knisja. Kontra dak li ħafna drabi jingħad fuq l-Arċisqof Gonzi, kien bniedem li tirraġuna miegħu, barra li kellu rispett kbir lejn Dun Adolf, li mhux darba jew tnejn ħallieh bħala amministratur tad-djoċesi meta hu, Gonzi, kien ikollu bżonn isiefer.Dun Adolf ħa miegħu lil Dun Mario Agius għand l-Arċisqof għaliex f'dik il-ħabta, Dun Mario kien jieħu ħsieb il-*bookings* tat-tiġijiet. Qalulu li f'dik id-data kien hemm tieġ ibbukkjat. Staqsewh x'ser jagħmlu? Qallhom biex imorru jgħidu lill-għarajjes biex isibu x'imkien ieħor minħabba l-konsagrazzjoni tal-knisja u jien ngħinkom. Dun Mario rrispondih, "Jiġifieri qed tgħidilna biex immorru ngħidu lill-għarajjes li l-Arċisqof ma jridkomx tiżżewġu Raħal Ġdid biex jikkonsagra l-knisja?" "Le, le, ma tarax", weġibhom pront pront l-Arċisqof Gonzi. B'hekk, id-data tal-

konsagrazzjoni ġiet immexxija għas-Sibt, 3 ta' Ġunju wara nofs inhar. Biex għamel hekk, kif ser naraw aktar 'l isfel, l-Arċisqof Gonzi kellu jissagrifika impenji oħra personali tiegħu importanti ħafna.

Anki jekk s'issa kienu qablu fuq id-data, kien hemm bżonn li jsiru s-slaleb tal-konsagrazzjoni. Fil-verità dawn kienu ilhom ordnati mingħand il-funditur Abela li kellu l-ħanut tiegħu l-Blata l-Bajda. Kien Żejtuni u kien jiġi minn Monsinjur Xuereb. Dam ħafna biex lestihomlu. Xuereb kien spiss imur għandu u jgħidlu, "Kuġin fittex lestili dawk is-slaleb tal-bronż". Id-disinn tas-salib kien għamlu Xuereb stess. Kien iħobb iħażżeż. Dun Mario Agius kien issuġġerixxa l-kliem *Christus, Vincit, Regnat* u *Imperat* mar-raġġiera tas-salib. Il-Monsinjur Xuereb kien persuna li suġġeriment tajjeb jieħdu żgur. Xi ħadd kien għamel il-forma tal-injam.

Il-forma tas-salib titlob sengħa kbira, għaliex id-disinn ried isir għat-tond minħabba l-kolonni waqt li ried isir ieħor ċatt għall-erba' slaleb tal-pilastri u f'dawn il-forom ried ukoll jinkludi kliem. Skont John Caruana, li f'dan il-perjodu kien abbati, qalli li dawn il-forom saru t-tarzna u għadu jiftakar meta ġabuhom fis-sagristija.

L-inkwiet ta' dawn is-slaleb ma waqafx hawn. Kien żmien meta ma kienx hawn għodda tajba biex ittaqqab dak it-tip ta' konkos li kien għamel Damato għall-kolonni u l-pilastri ta' din il-knisja li magħhom, skont ma jitlob ir-rit riedu jitwaħħlu dawn is-slaleb. Kienet intalbet l-għajnuna ta' Aronne Cassar, magħruf bħala Ronni – li kien oriġinarjament mill-Isla u *fitter*, jiġifieri ħaddiem tas-sengħa fit-tarzna. Ma' Joey Caruana (Ta' Peplow) taqqab it-toqob għal dawn is-slaleb. Kienu batew ħafna biex taqbduhom. Il-lingwaġġ użat kien tbażwru. Meta kont abbati, għoxrin sena wara, in-nies tas-sagristija kienu għadhom jitkellmu dwar kemm hu iebes il-konkos ta' dawn il-kolonni!

Ronni kien bniedem ta' saħħa kbira u inġenjità. Kien għamel ukoll parank biex inaddaf



IL-KAPPILLAN

CHRISTUS VINCIT,
CHRISTUS REGNAT,
CHRISTUS IMPERAT



STEDINA MILL-KAPPILLAN
LILL POPLU TA' RAHAL GDID
Fl'okkazzjoni
Tal-Konsagrazzjoni Solenni
Tal-Knisja Parrokkjali Ta' Kristu Re
Mill' Ecc.za Tieghu Rev.ma Mons. Michael Gonzi
Arcisqof Ta' Malta
3 Ta' Gunju 1967

***Il-paġna ta' quddiem u ta' wara tal-istedina li l-kappillan ta' żmien il-konsagrazzjoni, Dun Adolf Agius kien bagħat lil kull familja ta' Raħal Ġdid biex tattendi għal din il-funzjoni tal-konsagrazzjoni tal-knisja.***

***l-indirizz li kien għamel Dun Adolf Agius lill-parroċċa ta' Raħal Ġdid li f'dik il-ħabta kienet tinkludi wkoll il-parroċċa ta' Lourdes.***

il-kolonni u l-ħitan għoljin tal-knisja. Il-kolonni kienu għadhom tal-konkos mingħajr żebgħa. Kien uża xi njam mill-kaxxi li fihom kienu ġew l-artali tal-ġenb. Kien rabat dan il-parank maċ-ċinta u kien imexxi din il-kaxxa, ’il fuq u 'l isfel u mix-xellug għal-lemin u viċi versa, ifarfar il-kolonni u l-gwarniċun. Peress li kienu tal-konkrit, kienu għadhom jidhru l-linji, tal-qafas tal-injam li sar għalihom. B’hekk kien illixxahom u tlesta kollox sakemm waslet il-ġurnata tal-konsagrazzjoni tal-knisja.




***Is-‘santa’ ta’ tifkira li tqassmet lin-nies li attendew għall-konsagrazzjoni tal-knisja.***

B’hekk wara li ġiet stabbilita d-data, kien intbagħat invit, forma ta’ fuljett, fid-djar kollha ta’ Raħal Ġdid, fejn ġiet spjegata xi tfisser il-konsagrazzjoni ta’ din il-knisja.

Monsinjur Gatt ftit jiftakar minn din il-konsagrazzjoni u meta saret kien ġa viċi-rettur tas-seminarju. Kien preżenti. Jiftakar lilu, ma’ qassisin oħra taħt il-portiku tal-knisja, libsin l-ispellizza, jistennew il-wasla tal-Arċisqof.

Fuq kollox, din il-konsagrazzjoni kienet waħda storika għall-liturġija tal-knisja kattolika f’Malta u għall-istorja tal-knisja f’pajjiżna. L-ewwel, għaliex din il-knisja ġiet ikkonsagrata bil-liturġija riveduta li qatt qabel ma kienet għadha ntużat f’Malta.It-tieni, fil-jum li fih saret il-konsagrazzjoni, kien hemm ċerta kommossjoni minħabba li kien hemm ukoll il-wasla ta’ Monsinjur Emanuele Gerada f’Malta, bħala isqof awżiljarju.

Monsinjur Lawrence Gatt qalli li dak li jiftakar mill-konsagrazzjoni kienet l-għajta li kien ġie Gerada bħala isqof ko-aditur. Din kienet ir-raġuni għala l-Arċisqof Gonzi ried jagħmel il-konsagrazzjoni f’Mejju biex ma taħbatx mal-wasla ta’ Monsinjur Gerada f’Malta. Gerada kien wasal f’Malta dak il-jum u l-ħin li fih l-Arċisqof kien qed jikkonsagra l-knisja. B’hekk l-Arċisqof Gonzi spiċċa fis-sitwazzjoni fejn ma setax imur l-ajruport jilqgħu. Meta Monsinjur Gerada wasal kienet saret *carcade* għaż-Żejtun mill-ajruport li f’dan il-perjodu kien Ħal Luqa. Għaddiet minn Ħal Tarxien iżda kien evitat li tgħaddi minn Raħal Ġdid, minħabba l-konsagrazzjoni tal-knisja.

Hemm min jaħseb li l-vera raġuni għal din l-għaġla kollha biex l-Arċisqof Gonzi jikkonsagra l-knisja kienet anki minħabba din il-wasla ta’ Monsinjur Gerada. L-Arċisqof Gonzi xtaq jagħmilha hu qabel ma Monsinjur Gerada jkun ikkonsagrat isqof, konsagrazzjoni li seħħet ġimagħtejn wara l-wasla tiegħu f’Malta u saret fil-konkatidral ta’ San Ġwann. Ir-raġuni kienet li Mons. Gerada kien ipparentat mal-Kappillan Agius. Kienu anki flimkien fil-kors tas-seminarju u l-università u Monsinjur Gerada kien ħabib personali ta’ Dun Dofi. Ta’ abbati,

niftakar, wara li laħaq Nunzju u kien ikun Malta, Monsinjur Gerada kemm-il darba kien ġie jqaddes Raħal Ġdid. Hemm min jgħid li l-Arċisqof Gonzi beża' li l-kappillan Agius jitolbu biex il-konsagrazzjoni jagħmilha Monsinjur Gerada. Kieku Dun Adolf kien jagħmillu talba bħal din, kienet tkun diffiċli għall-Arċisqof Gonzi biex jgħidlu le. L-Arċisqof Gonzi verament ħabb din il-knisja u kien wieħed li kellu fiduċja kbira f'Damato tant li qabbad lill-istess Damato biex jibnilu l-knisja ta' raħal twelidu, il-Kalkara. B'hekk sinċerament l-Arċisqof Gonzi xtaq li din il-konsagrazzjoni jagħmilha hu!

Imbagħad kien hemm raġuni oħra li jitkellem dwarha b'mod ċar il-kappillan Dun Adolf Agius. Agius kien konvint li kull opra sagra, ix-xitan jara kif ifixkilha. Il-bini ta' dan it-tempju, kif Agius stess stqarr fl-invit li bagħat fid-djar ta' Raħal Ġdid, għadda minn ħafna burraxki. Għalhekk, bi sfida lid-demonju, ried ilestih u jikkonsagrah biex juri, anki b'mod ħaj, li Alla dejjem jirbaħ fuq satana.

Għall-konsagrazzjoni tal-knisja kien ġie mal-Arċisqof Gonzi Monsinjur Ġużeppi Lupi, il-persuna li kienet responsabbli f'dik il-ħabta mil-liturġija u t-tiġdid tagħha skont il-Konċilju Vatikan II. Kienet l-ewwel konsagrazzjoni li saret bil-Malti u skont ir-rit il-ġdid. Fuq kollox, din il-funzjoni saret tard wara nofsinhar. Din kienet ukoll xi ħaġa innovattiva marbuta mat-tibdil fil-liturġija li kien ġab il-Konċilju Vatikan II. Qabel dan it-tibdil fil-liturġija, il-konsagrazzjoni kienet issir filgħodu. Min-naħa tal-parroċċa,it-tħejjijiet kienu kbar u kienu influwenzati mil-*Liber Sacramentorum* tal-Kardinal Schusster.

Kif kienet id-drawwa, l-Arċisqof Gonzi kien ikun assistit minn żewġ monsinjuri. F'din iċ-ċerimonja kienu assistew lil Monsinjur Gonzi, l-ex-kappillan Monsinjur Franġisku Xuereb u Monsinjur Emanuel Brincat. Brincat kien minn Raħal Ġdid u ħabib personali ta' Xuereb. Kien magħruf bħala Tabakku. Dan kien il-laqam tal-familja għaliex missieru kien jaħdem fit-tabakk. Meta kien żgħir kien joqgħod in-naħa ta' isfel ta' Raħal Ġdid, qrib Villa Blye, ma' ommu fuq l-imħażen tat-tabakk li kienu tal-familja. Fuq livell pastorali, kien maħbub ħafna f'Raħal Ġdid peress li kien mitqies bħala qassis modern. Meta fis-snin ta' qabel il-gwerra ħafna qassisin kienu persuni riżervati, hu ma kienx jiddejjaq jagħmel pastorali u jidħol fil-ħwienet u jitħallat man-nies. Kien serva bħala arcipriet tal-Isla fl-agħar żmien tal-Gwerra u ma telaqx minn l-Isla, l-anqas fl-agħar perjodu tal-bombardamenti mill-għadu u wara anki kien arċipriet iż-Żejtun. Għal din iċ-ċerimonja, kien ġie wkoll fost l-oħrajn wkoll Monsinjur Manwel Vella, il-ħames kappillan ta' Raħal Ġdid.

Skont 'it-Torċa', "*iċ-ċerimonija tal-konsagrazzjoni bdiet fil-Kappella tal-Mużew tal-Bniet minn fejn saret purċissjoni sa fuq iz-zuntier tal-Knisja. Hawnhekk Mons. Arċisqof bierek l-ilma - ilma mħallat bil-melħ u l-irmied.L-ewwel li ġiet mbierka kienet il-faċċata tal-knisja*".



***F'dan ir-ritratt jidher l-Arċisqof Mikiel Gonzi, taħt il-portiku tal-knisja, ibierek dak li jissejjaħ l-ilma Gregorjan, jiġifieri ilma mħallat bil-melħ u l-irmied. Fuq ix-xellug, jidher iċ-ċerimonier tal-Arċisqof, Dun Karm Bonavia u Dun Ġużepp Minuti. Mal-Arċisqof jidhru Monsinjur Brincat u Xuereb.***

F'dan il-waqt sar kant Gregorjan.

*"Wara li Mons Arċisqof ħabbat il-bieb prinċipali u dan ġie miftuħ, huwa baqa' dieħel sa taħt il-koppla fejn kulħadd niżel għarkubbtejh u ġiet irreċitata l-Litanija tal-Qaddisin kollha. Imbagħad huwa tela' wara l-Artal Maġġur fejn beda jbierek il-ħitan tal-knisja minn ġewwa dawra tond. Huwa beda min-naħa tal-Vanġelu u spiċċa fuq in-naħa tal-Epistola".*

Dan kien element ġdid għaliex qabel in-nies ma setgħux jidħlu waqt il-funzjoni tal-konsagrazzjoni tal-knisja. Fil-verità, ir-ritwal l-antik kien jitlob lill-isqof, li wara li jkun ħabbat fuq il-bieb tal-knisja bil-baklu, idur seba' darbiet minn ġewwa u seba' darbiet minn barra tal-knisja waqt li jbierek il-ħitan tal-knisja. Ir-rit ġie mqassar jew kif jingħad fil-kliem ekkleżjastiku abbrevjat u l-Arċisqof Gonzi, kif ġie rrappurtat 'It-Torċa', dar darba waħda biss minn ġewwa. Dar ukoll darba biss minn barra. Minħabba din il-parti tar-rit kienet ġiet ukoll irranġata d-dawra ta' madwar il-knisja li kienet għadah kollha mħarbta u bil-ġebel. Kienet ġiet ikkreata mogħdija ħalli l-Arċisqof seta' jilħaq u jbierek il-ħitan tal-knisja minn barra.

Wara din iċ-ċerimonja, l-Arċisqof għadda biex ibierek l-art tal-knisja. Fino kiteb hekk;

*"Imbagħad ġie mbierek il-paviment tal-knisja forma ta' Salib u bl-istess ilma l-Arċiqsof tela' jbierek l-Artal Maġġur billi għamel ħames slaleb b'dan l-ilma mbierek. Wara dan Mons. Arċisqof bil-ponta tal-baklu kiteb l-alfabet bil-Grieg u bil-Latin fuq l-irmied li kien hemm taħt il-koppla forma ta' salib ta' Sant'Andrija".*

Din kienet parti importanti tar-rit u l-Arċisqof għamilha mgħejun miċ-ċerimonier tiegħu li kien jgħidlu liema ittra jmiss u jurih kartelluna bl-ittra fiha u waqt li jħares lejhom, l-Arcisqof kien jikteb l-ittra fuq l-irmied mal-art. Peress li l-knisja kienet kbira, l-Arċisqof kiteb iż-



***Dan ir-ritratt hu tal-purċissjoni li biha fetħet il-konsagrazzjoni tal-knisja li kienet telqet mill-kappella tal-Mużew Fuq il-lemin jidher Patri Dumnikan għarkupptejh. Dan hu Dun Ġużepp Frendo.***



***F'dan ir-ritratt jidher l-Arċisqof jagħmel l-ittri tal-alfabet Latin u Grieg bil-baklu tiegħu taħt il-koppla assistit miċ-ċerimonier tiegħu, Bonavia. Jidher l-abbati bil-buġija, jigifieri x-xemgħa mixgħula u fit-tarf fuq ix-xellug, jidher Dun Eddie Huntingford.***

żewġ alfabeti, forma ta' salib Grieġ, fl-ispazju taħt il-koppla minflok fit-tul tal-korsija u minn kappellun għall-ieħor, kif jitlob ir-rit tal-konsagrazzjoni.

*"Wara dan l-Arċisqof mexa proċessjonalment għall-kappella tal-Mużew u reġa' lura lejn il-knisja flimkien ma' erba' Djakni li refgħu r-Relikwi tal-Qaddisin li ġew midfuna fl-artal Maġġur".*

Kien żmien meta l-qassisin kienu għadhom jistgħu jilbsu ta' djakni. Dawk li ġarrew dan l-għadam tal-qaddisin kienu ġa qassisin.Kollha kienu mill-parroċċa. Fuq quddiem, fuq il-lemin refa' Dun Ġużepp Sammut. Kien lingwista u miet żgħir. Iz-zija tiegħu kienet għalliema famuża Raħal Ġdid, Miss Tanti u nannuh kien is-sagristan l-antik ta' Santa Ubaldeska, ċertu Tanti, magħruf bħala tal-Marsus. Is-sagristan Ġużeppi Tabone, iż-Żuż, laħaq warajh. Fuq quddiem, in-naħa tax-xellug, refa' Dun Mario Agius. Fuq wara, fuq il-lemin, refa' Dun Ġużepp Caruana u n-naħa l-oħra, wara Dun Mario refa' Dun Eddie Huntingford.

F'din il-purċissjoni ħa sehem il-kleru kollu preżenti. L-għadam tal-qaddisin ġie mqiegħed f'nofs l-artal u ssiġillat. L-artiklu ta' 'It-Torċa' jkompli jgħidilna:

*"Wara dan mess lill-Kolonni prinċipali tal-knisja li ġew midluka biż-żejt tal-Griżma, inċensati u nxtegħlet ix-xemgħa quddiem kull waħda. L-istess sar fuq il-koxox tal-bieb prinċipali".*



***F'dan ir-ritratt jidher l-Arċisqof Gonzi tiela' fuq dan l-ispeċi ta' palk li kien għamel Ronnie Cassar biex jikkonsagra l-kolonni tal-knisja. Għamel tnax-il salib biż-żejt ikkonsagrat ma' tmien kalonni u l-erba' pilastri tal-knisja.***

Peress, li s-slaleb kienu ġejjin fil-għoli, kien sar *stand* jew speċi ta' palk jimxi fuq ir-roti. Dan kien għamlu Ronni bis-serratizzi. Għal dak iż-żmien, kienet biċċa xogħol ta' inġinerija kbira. Imbagħad attewh minn barra bid-damask tal-pilastri ta' Santa Ubaldeska. L-Arċisqof tela' fuqu u kien jitmexxa min-nies, minn kolonna għall-oħra u fuq kull kolonna jidlek dan iż-żejt forma ta' salib waqt li jgħid it-talb propizju. B'kollox indilku tmien kolonni u l-erba' pilastri maġġuri. Dawn it-tnax-il salib jissinjifikaw it-tnax-il appostlu li fuqhom hija mibnija l-knisja.

Mal-arċisqof telgħu fuq dan il-palk Dun Mario Agius. Wara li kien jagħmel id-dilka biż-żejt ikkonsagrat, Ronni bl-għajnuna ta' Caruana kien iqiegħed is-salib f'postu u jixgħel ix-xemgħa tal-konsagrazzjoni.

Dak li impressjonah l-aktar lil Monsinjur Gatt u baqa' jiftakru sal-lum, kien l-Arċisqof fuq dan l-ispeċi ta' palk qed imexxuh minn kolonna għall-oħra biex jagħmel salib biż-żejt imqaddes fuqhom.

Ir-rit kompla bl-Arċisqof jidlek biż-żejt imqaddes il-mensa tal-artal maġġur. Wieħed irid jiftakar li dan l-artal oriġinarjament kellu żewġ xkafef żgħar fin-nofs tiegħu u b'tabernaklu f'nofshom. Dan it-tabernaklu kellu bieba quddiem u oħra wara. Waqt li kien artal wieħed, qassis seta' jqaddes kemm fuq quddiem u kemm fuq wara tiegħu.

F'dan il-kuntest, wieħed ma jistax ma jgħidx kelma fuq dan l-artal, li kien differenti ħafna minn dawk li normalment kienu jsiru f'dik il-ħabta u li għadna narawhom fil-knejjes qodma tagħna.



*F'dan ir-ritratt jidher l-Arċisqof Gonzi qed idur mal-knisja minn ġewwa waqt il-funzjoni tat-tberik tal-knisja bl-ilma Gregorjan. Fl-isfond jidher l-altar ta' San Lawrenz. Dan l-altar kien jintuża bħala l-maġġur tal-knisja sakemm sar dak preżenti tal-irħam.*

Fl-1936, kien sar artal proviżorju tal-injam biex jintuża bħala artal maġġur. Kien l-ewwel artal li tqiegħed bejn il-pilastri maġġuri. Dan l-artal sar kif normalment kienu jsiru l-artali f'dak iż-żmien b'żewġ skannelli; bl-iskannell żgħir tas-sekonda ordni u warajh l-iskannell il-kbir għoli sat-tabernaklu. Fin-nofs tiegħu kien hemm it-tabernaklu. F'dan il-perjodu kien dieħel f'Malta d-dawl elettriku. Raħal Ġdid kien minn tal-bidu li kellu d-dawl. Għalhekk, kienet saret innovazzjoni u dan l-iskannell fl-għoli għamlu ġewwa fih id-dawl biex jinxtgeħel minn wara u d-dawl joħroġ fuq quddiem. B'hekk iċ-ċelebrant kien ikollu d-dawl u jkun jista' jaqra aħjar. Sa dan iż-żmien, iċ-ċelebrant kien jaqra għad-dawl tax-xemgħa. Għalhekk, fuq il-faċċata tal-iskannell il-kbir saru żewġ twieqi u kull waħda ġiet mgħottija bi ħġieġa mtappna bil-bozza warajha. Dan l-arranġament ma għoġobx lill-Arċisqof Mawru Caruana, meta ġie Raħal Ġdid fuq żjara pastorali. Rah teatrali wisq u ordna li dawn it-twieqi jitneħħew bl-iskannell b'kollox. B'hekk tneħħa l-iskannell ta' fuq u dan tniżżel fuq l-istess livell tal-iskannell tas-sekonda ordni. Ġie qisu artal bażilikali jew kif kien jissejjaħ f'dik il-ħabta artal Papali għaliex il-Papa kien iqaddes fuq artal hekk fil-knejjes bażilikali ta' Ruma. Wieħed irid jgħid li mhux kulħadd kien għoġbu dan l-arranġament ġdid. Niftakar lil Ġanni Zammit, magħruf bħala tal-Mużew, għax kien soċju fil-Mużew, jgħidli x'ħasra kienet li tneħħa dan l-iskannell bid-dawl fih! Dan l-artal proviżorju niftakru sew għaliex wara li kien ġie l-maġġur, kien serva bħala l-artal ta' San Lawrenz.

Sal-lum għadu mhux ċar għala kien l-arċisqof Mauro Caruana li ried dan it-tip ta' artal, kważi bażilikali għal din il-knisja. Wieħed irid jiftakar li mill-bidu tal-bini tiegħu, dan it-tempju kien maħsub li jkun monument biex ifakkar il-Kungress Ewkaristiku li kien sar fl-1913 matul il-pontifikat ta' San Piju X. Dun Adolf kien jgħid li l-Papa Piju XI, li fi żmienu beda l-bini ta' dan it-tempju, ried li din il-knisja tkun monument ħaj tal-Kungress Ewkaristiku f'Malta u ssuġġerixxa li din il-knisja ġdida, meta titlesta, tingħata t-titlu ta' bażilika bħala tifkira ta' dan l-istess kungress u l-festa ta' Kristu Re, li dan l-istess Papa kien waqqaf kanonikament fl-1925. Fuq kollox, dan kien Papa li wera interess speċjali fid-djocesi Maltija ta' żmien Mauro Caruana.

Ir-raġunijiet għala dan il-Papa ried jagħmilha bażilika kienu marbuta mas-sitwazzjoni politika f'Malta fis-snin għoxrin u tletin. Piju XI kellu interess speċjali x'kien qed jiġri f'pajjiżna. Kien minħabba l-inkwiet politiku li din il-knisja waqfet tinbena fl-1926. Meta reġa' beda x-xogħol fl-1928, Raħal Ġdid kien mill-ġdid fil-qalba ta' kwistjoni politika oħra, din id-darba mhux minħabba l-knisja u l-bini tagħha, iżda minħabba patri li kien qed iservi bħala direttur spiritwali tal-każin ta' Gerald Strickland f'Raħal Ġdid. Ħafna jiftakru dan il-bini bħala każin tal-Lejber.

Is-sitwazzjoni politika saħnet wara żjara li kien għamel il-Ġeneral tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali, Padre Carta, f'pajjiżna. Dan ordna li żewġ patrijiet mill-Ordni tiegħu, ikunu trasferiti fi Sqallija. Wieħed minn dawn il-Patrijiet kien Albert Grech. Dan Grech kien minn familja mill-Isla, iżda kellu ħuh is-Sur Ġann, joqgħod Raħal Ġdid. Is-Sur Ġann u oħtu li kienet miżżewġa 'l-ispiżjar Leo Portelli kienu joqgħod fil-palazz fejn wara l-gwerra nbena l-Palace. L-ispiżjar Portelli kien ħareġ mal-Partit Laburista fuq dan id-distrett fl-elezzjoni ta' 1921. Portelli kellu l-ispiżerija li kienet tforni lit-Tarzna u l-ispiżerija tiegħu kienet assoċjata fir-raħal bħala tas-sinjuri. Gerald Strickland, li kien Prim Ministru, ħadha li din kienet azzjoni politika kontra tiegħu, biex Patri Grech u Patri Guido Micallef ma jitħallewx jimmilitaw fil-Partit Konstituzzjonali. Biex iżomm lil Grech u l-patri l-ieħor f'Malta, Strickland ħadilhom il-passaport.

L-Arċisqof Mauro Caruana qies dan kollu bħala ndħil intern fl-affarijiet tal-Knisja.Ir-raġunijiet vera għall-kwistjoni kollha kienu jmorru lilhinn mill-politika u kienu marbuta mal-imġiba ta' Patri Micallef. Minħabba dan il-każ, Patri Grech spiċċa qassis djoċeżan mingħajr il-permess tal-qrar tal-adulti. Kien iqarar lit-tfal biss. Kien ġie jgħix ma' ħuh, is-Sur Ġann f'Raħal Ġdid u kien wieħed mill-ftit qassisin li baqgħu fir-raħal matul it-tieni gwerra jagħti servizz lill-poplu. Lil Dun Bert, kien qabeż għalih u għenu ħafna Franġisk Xuereb.

Dan l-inkwiet politiku laħaq il-qofol tiegħu fl-1930, meta nhar il-festa ta' Kristu Re, l-Arċisqof ġie interrot waqt li kien qed jagħmel il-prietka bit-Taljan fil-Konkatidral ta'San Ġwann. Barra l-konkatidral inġabbru żewġ fazzjonijiet. Waħda favur l-Arċisqof li bdiet tgħajjat Viva Kristu Re. L-oħra kontrih u bdiet tgħajjat"*Viva Calles!*". Plutarco Calles kien politiku anti-Klerikali fil-Messiku. Kien f'dan il-kuntest li t-titular tal-knisja ta' Raħal Ġdid inbidel minn wieħed "Cuore di Gesú Re", għal Kristu Re. Kien il-ħames kappillan, jiġifieri Dun Manwel Vella, li fi żmienu tella' s-sagrament minn Santa Ubaldeska għall-knisja l-kbira, li għamel rikors u biddel it-titular tal-knisja għal dak tal-lum Kristu Re u ġab anki l-istatwa tal-irħam ta' Kristu Re maħduma fl-Italja fl-1932. Ħallasha Gio Batta Cesare mill-Isla magħruf bħala Patut. Jingħad li l-Faxxisti kienu għamlu bsaten fir-roti biex ma jħallux din l-istatwa tintbagħat f'Malta. Ir-relazzjoni



***Hawn jidher il-bennej tal-knisja flimkien mal-volontiera fuq is-saqaf tal-knisja. Jidher ukoll il-Kappillan Franġisku Xuereb, li anki wara li spiċċa minn Kappillan, baqa' jieħu ħsieb il-bini ta' din il-knisja.***

bejn l-istat Faxxista u l-Papa Piju XI mhux dejjem kienet tajba. Kien l-istess Papa li waqqaf din il-festa, jiġifieri Piju XI, li mhux biss approva din il-bidla, iżda wera x-xewqa li l-knisja titfittex titlesta ħalli jkun jista' jagħtiha l-ġieħ mistħoqq ta' bażilika.



*Dehra tal-portiku tal-ġenb ta' Triq it-Tarzna. Din kienet triq storika, għaliex kienet tibqa' sejra direttament sat-Tarzna. Dan l-angolu, minn Triq it-Tarzna hu mfittex ħafna mit-turisti li jieqfu jammirawh u jieħdu ritratti tiegħu.*

Fuq kollox, din il-knisja ddedikata issa lil Kristu Re kellha kobor bażilikali u nbniet fil-post li inbniet u kif inbniet, biex tkun tista' ssegwi aħjar in-normi marbuta ma' knejjes bażilikali u fuq kollox Gallikani. Kien hemm ħafna suġġerimenti fi żmien Dun Enrico Bonnici fejn kellha tinbena l-knisja. Wieħed minnhom kien li tinbena fuq Tal-Borg. Biss fuq Tal-Borg, il-knisja ma kinetx ser tkun qed tħares lejn l-Orjent. B'hekk, Damato ssuġġerixxa lil Bonnici biex il-knisja titmexxa fejn hija llum ħalli b'hekk tkun tista' tinbena bl-abside prinċipali tħares lejn il-Lvant u bil-bieb prinċipali jħares lejn il-Punent. B'hekk fir-rit qadim, meta l-qassis kien ikun fuq il-maġġur, hu jkun qed iħares lejn il-Lvant. Fir-rit Kattoliku, din it-tip ta' struttura hija magħrufa bħala '*ad orientem*' jew lejn l-Orjent u hija assoċjata ma' strutturi bażilikali primittivi. Ftit huma dawk il-knejjes f'Malta li jħarsu f'din id-direzzjoni. B'hekk, fil-ħin tat-talb u ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, il-poplu t'Alla jkun qed iħares lejn il-Lvant. Wisq probabbli kienet din l-istruttura li wasslet biex il-qassis jibda jeleva l-ewkaristija wara l-konsagrazzjoni,b'hekk ikun qed jgħolliha lejn ix-xemx tielgħa li tirrappreżenta lil Kristu. Fil-kultura Kristjana, Kristu hu msejjaħ ix-xemx tal-ġustizzja. Kien żmien ukoll fejn il-quddies kien isir filgħodu biss.



*Dan ir-ritratt ġie meħud wara li l-knisja kienet infetħet u tneħħa l-ħajt diviżorju tal-injam li kien jaqsamha fi tnejn. Hawn jidher l-altar maġġur il-qadim, li kif jitlob ir-rit Gallikan kien fuq wara tal-kor u mhux bejn il-pillastri magguri ta' taħt il-koppla.*

Fuq kollox, knejjes mibnija fuq stil Gallikan bħal dik ta' Raħal Ġdid ma jkollhomx artal bejn il-pilastri ta' taħt il-koppla, anki jekk dak proviżorju kien tqiegħed hemm. Minflok, f'dawn it-tip ta' knejjes, l-artal maġġur kien ikun fit-tarf tal-kor. Għalhekk il-kor jagħlaq, bħalma hu l-każ ta' Raħal Ġdid, b'ħames navati idjaq. Anki jekk il-preżenza ta' navi idjaq ma kinux fil-pjanti oriġinali iżda kien ir-riżultat tal-fatt li l-knisja ta' Raħal Ġdid kienet iddejqet fil-wisa' tagħha. Dun Mario Agius qalli li l-Professur tal-Filosofija, Monsinjur Sapiano, qatt ma kien ħafirha lil Damato talli kien għalaq wara kif għalqu jigifieri b'navi idjaq. Biss Damato ma setax jagħmel mod ieħor jekk ried iżomm mal-istil tar-rit Gallikan, aktar u aktar, wara li kellu jdejjaq il-wisa' tal-knisja minħabba

l-pressjoni li saret fuqu fi żmien il-Kappillan Chircop. Fir-rit Gallikan, l-artal jitqiegħed bejn dawn in-navati. B'hekk quddiemu sal-korsija kien ikun spazju miftuħ. Il-bankijiet tal-kor kienu jkunu fil-ġnub ta' quddiem l-artal u mhux warajh kif naraw fil-knejjes qodma tagħna assoċjati mal-kult Latin Ruman. Għalhekk kienet tinħoloq kappella wara l-kor iddedikata lill-Madonna Waqt li fi knejjes Rumani l-kor iservi ta' kappella, fil-knejjes Gallikani din tkun għaliha fuq wara. Dawn il-fatturi kienu magħrufa, tant li l-artal tal-irħam ma sarx bejn il-pilastri ta' taħt il-koppla, fejn kien tqiegħed dak proviżorju, iżda f'nofs il-kor u kont titla' għalih permezz ta' tliet tarġiet li kienu jduru miegħu.

Tant kemm baqgħet qawwija din il-kultura, li meta saret ir-riforma liturġika wara l-Konċilju, kien hemm diskussjoni fil-parroċċa biex dan l-artal jitmexxa għal taħt il-koppla, kif kien ġara f'Notre Dame f'Pariġi fejn tqiegħed eżattament f'nofs l-erba' pilastri maġġuri ta' dan it-tempju Gotiku. Wieħed irid jiftakar, li l-kappillan Agius kien l-aħħar wieħed fil-linja ta' persuni struwiti f'dan ir-raħal marbut mal-kultura Franċiża. Għalih il-vera vaganza kienet mawra fi Franza. Kien iħobb jivjaġġa ma' Dun Karm Farrugia li kellu kultura Franċiża.Farrugia kien ġie Malta meta kellu 11-il sena flimkien mal-familja mill-Eġittu. Sar qassis fil-1949 u serva ta' viċi-kappillan ta' Raħal Ġdid bejn l-1950 sal-1958 u kien ukoll risponsabbli mill-abbatini.

Il-fatt li dan l-artal mejda tqiegħed f'nofs l-ispazju tal-kor, kien ikkrea presbiterju kbir.Peress li din l-għażla ta' artal saret qabel u mhux wara kif normalment jiġri meta knisja tkun iddikkjarata bażilika, dan ikompli jikkonferma l-affermazzjoni interna li kienet teżisti fil-parroċċa li din il-knisja kienet ser tingħata dan it-titlu. Ma ridux jidħlu fi spejjeż żejda u jkollhom ibiddlu l-artal. Tant hu hekk li kienu saru żewġ disinji minn Romeo Ceccotti, (**ara Appendiċi 2**) il-marmista li għamel l-artal, għal tribuna ta' fuq dan l-artal. Niftakarhom fi gwardarobba li kien hemm mas-sagristija fil-kamra li aħna konna ngħidulha taż-Żuż. Qabel il-Konċilju, it-tribuni kienu primarjament assoċjati mal-privileġġi li kienu jmorru mal-knejjes bażilikali. Kien sar anki disinn għall-ventartal għal dan l-artal maġġur mill-bravu skultur Emanuele Buhagiar. Ir-riformi tal-Konċilju Vatikan II ġabu fi tmiemhom dawn il-ħsibijiet ta' tribuna u ventartali u magħhom raqdet ukoll kull aspettattiva li din il-knisja ssir bażilika.

Minflok, il-knisja ta' Raħal Ġdid saret l-ewwel knisja f'Malta li kif tħabbret ir-riforma fir-rit, kellha artalmejda sabiħ li għadu hemm sal-lum. Fuq suġġeriment ta' Dun Mario Agius, ftit qabel il-konsagrazzjoni tal-knisja, lejlet il-Milied tas-sena 1966, f'nofsinhar, kienu tneħħew l-iskannelli u t-tabernaklu min-nofs tiegħu. Ftit tal-jiem qabel, id-Dumnikani tar-Rabat kienu għamlu artal tal-injam mejda temporanju quddiem l-artal maġġur. Kien l-ewwel artalmejda li sar f'Malta skont ir-rit il-ġdid. Kien f'dan l-ispirtu tar-riformi ta' Vatikan II, li Raħal Ġdid neħħa l-iskannelli u t-tabernaklu u b'hekk sar l-ewwel parroċċa li kellha artal propju tal-irħam forma ta' mejda u fuq kollox dan sar l-ewwel artalmejda kkonsagrat f'Malta skont ir-rit il-ġdid. Huwa wieħed mill-ikbar artali mejda kkonsagrati li wieħed isib fi knejjes kattoliċi madwar id-dinja.

L-għamla ta' dan l-artal kienet tixbah lill-artal li wieħed isib fil-knisja tal-Abbazzija ta' Ampleforth f'Yorkshire fl-Ingilterra. Din il-knisja kienet importanti f'dik il-ħabta għaliex fiha, għal xi żmien, kien hemm bħala abbati jew kap tagħha (abbot) il-magħruf Kardinal Hume. L-artal maġġur tal-knisja ta' Kristu Sultan ta' Raħal Ġdid kien eżatt bħal dak ta' Ampleforth, jiġifieri l-mensa tinqasam fi tnejn permezz ta' żewġ xkaffi jew skannelli żgħar li fuqhom

jitqiegħdu l-gandlieri u t-tabernaklu bejniethom. Id-differenza tinsab fl-irħama tal-mensa. Dik ta' Ampleforth mhix waħda sħiħa u għalhekk kienet ġiet ikkonsagrata biss il-parti ta' quddiem. Kien fuq suġġeriment ta' Dun Mario Agius li l-mensa tal-artal maġġur għall-artal ta' Raħal Ġdid tkun waħda sħiħa. Niftakar li Dun Mario kien kburi ħafna li għamel dan is-suġġeriment u wisq aktar li kien ġie aċċettat mill-kappillan Xuereb.

Għalhekk, il-kappillan Xuereb ftiehem mal-marmista Taljan Romeo Cecotti biex jagħmel mensa waħda. Minħabba f'hekk, Cecotti kellu jagħmel pilastri minn irħam aktar b'saħħtu biex iżomm it-toqol tagħha. Kien uża granit aktar qawwi u rari. Minħabba f'hekk ukoll, Cecotti kellu jibdel id-disinn tal-artal maġġur u ma jagħmilx dak oriġinali. Il-kolonni li fuqhom isserraħ il-mensa, Cecotti, rabathom erbgħa, erbgħa, biex ikunu aktar b'saħħithom u jistgħu jżommu l-piż aħjar.Hemm sittax-il kolonna b'kollox. B'hekk peress li saret mensa waħda, l-Arċisqof seta' jikkonsagra l-artal kollu u mhux biss il-parti ta' quddiem. Ta' abbati, niftakar li l-artalmejda u l-presbiterju kienu l-għira ta' Malta.

Fino ddiskriva din il-parti tar-rit kif ġej: *"L-Arċisqof mbag*ħad għamel ħames slaleb fuq l-Artal *Maġġur u għamel l-inċens u xegħel ix-xemgħa. Dawn is-slaleb huma simbolu tal-ħames pjagi ta' Kristu".*

Din il-parti tar-rit kienet titlob li l-Arċisqof jidlek il-wiċċ kollu tal-artal biż-żejt imqaddes. Imbagħad ġew mixgħula l-ħames slaleb żgħar, imnaqqxa minn qabel fuq il-wiċċ tal-artal. Qabel xegħelhom, l-Arċisqof kien anki għamel fuqhom il-forma ta' salib biż-żejt imqaddes. Iżda minflok tnaqqxu ħamsa, tnaqqxu aktar, iżda kif titlob il-liturġija, ħamsa biss intużaw, erbgħa f'kull rokna u waħda fin-nofs. Tqiegħed iż-żejt fuq kull salib u ftila fihom. Imbagħad inxtegħlet il-ftila. Il-ħruq fuq l-irħam tas-slaleb użati kont għadni narah meta bħala abbati kont nibdel it-trieħi tal-artal.



***F'dan ir-ritratt jidher l-Arċisqof iqabbad il-ħames slaleb imnaqqxa fl-altar bħala parti mill-konsagrazzjoni ta' l-altar maġġur.***



***F'dan ir-ritratt jidhru fuq ix-xellug, l-erba'qassisin mill-parroċċa, libsin it-tuniċelli, iġorru r-relikwiji, jiġifieri, frak ta' għadam ta' qassisin li ġew midfuna f'nofs l-altar. Jidhru fuq quddiem Dun Mario Agius u Dun Ġużepp Sammut. Fuq wara jidher Dun Eddie Huntingford u Dun Ġużepp Caruana.***

F'din il-konsagrazzjoni ma kinux ġew ikkonsagrati l-artali tal-ġnub. L-ewwel minħabba li f'konsagrazzjoni ta' knisja, l-isqof seta' jikkonsagra artal wieħed biss. It-tieni, dawn issa ma baqgħux jintużaw għall-quddies u għalhekk ma kienx aktar permessibbli li jkunu kkonsagrati. L-artali tal-irħam saru wkoll minn Ceccotti. Għal darba oħra, ma nistax ma ninnutax l-influwenza Franċiża, għaliex il-pittura ta' fuqhom, saret



*Italo Serge kien pittur ta' talent kbir iżda ftit magħruf, u qatt ma ġie ivvalutat. Kien ġie mqabbad biex fost l-oħrajn isiru l-pitturi ta' fuq il-ħġieġ għall-altari u anki għat-twieqi tal-kursija. Fit-twieqi tal-korsija kienu saru l-uċuħ tal-profeti. Hija ħasra li dawn inħarqu mix-xemx.*

direttament fuq il-ħġieġ u segwiet l-iskola Franċiża. F'Raħal Ġdid kien ġie joqgħod Italo Serge, pittur bravu, iżda ftit li xejn apprezzat. Kien studja l-pitturafl-akkademja Franċiża tat-Tuneżija. Kien anki għamel xogħlijiet fil-knejjes kattoliċi tal-Maltin ta' Tuneż fost l-oħrajn. F'Raħal Ġdid kien tqabbad ipitter it-twieqi ta' fuq l-artali laterali skont il-qaddis li għalih kien iddedikat l-artal. Tnejn biss ma sarux minnu għaliex kien hemm ġa l-istatwi tal-irħam għalihom, jiġifieri tal-Bambina u l-Kunċizzjoni. Kien anki pitter il-profeti fuq it-twieqi tas-saqaf tal-knisja.Hija ħasra li ma baqa' xejn minn din il-pittura.

Ftit qabel ma bdiet iċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni, Dun Mario Agius induna li Monsinjur Lupi kien ħa żball, għaliex kien qaleb għall-Malti l-quddiesa tal-anniversarju tal-konsagrazzjoni u mhux il-quddiesa proprja ta' jum il-konsagrazzjoni. Ġibed l-attenzjoni taċ-ċerimonier tal-Arċisqof, Dun Karm Bonavia, u dan informa lil Monsinjur Lupi. Pront pront tqabbdu Dun Mario Agius u Monsinjur Lawrence Gatt biex jagħmlu t-traduzzjoni ta' dawk il-partijiet li jappartjenu għar-rit tal-konsagrazzjoni, jiġifieri, il-kolletta, l-antifoni u l-prefazju u talb ieħor. Dun Mario qalli li niżlu isfel fejn kien joqgħod il-kappillan. Huwa beda jaqleb għall-Malti mil-Latin waqt li Lawrence Gatt kien jittajpja biex b'hekk l-Arċisqof ikollu kopja pulita.

B'hekk wara li spiċċat il-funzjoni tal-konsagrazzjoni, il-ġurnalista Fino jagħlaq l-artiklu b'dawn il-kelmiet; *"L-Artal Maġġur ġie armat u saret konċelebrazzjoni tal-quddiesa"*. Dan ifisser li ntramaw it-trieħi u l-gandlieri fuq l-artal għaliex sakemm jiġi kkonsagrat l-artal ikun għarwien, jiġifieri ma jkollu xejn fuqu. Hawn wieħed għandu jieqaf fuq il-kelma "konċelebrazzjoni". Din kienet ukoll xi ħaġa ġdida għal dan ir-rit. Il-konċelebrazzjoni daħlet mill-ġdid minħabba r-riformi tal-konċilju. Peress li kien hemm ħafna qassisin mill-parroċċa, Dun Adolf xtaq li għal din il-konċelebrazzjoni jieħdu sehem biss dawk il-kappillani li kienu ħarġu minn Raħal Ġdid. Il-kant kien tmexxa minn Ġużeppi Ellul, li aħna nafuh bħala Ġużeppi l-organista. Dan kien jiġi n-neputi ta' Monsinjur Xuereb u kellu jgħinuh numru ta' qassisin u seminaristi.

Minn barra t-teħid tar-ritratti, kien ġie miġbud film ta' partijiet ta' din iċ-ċerimonja. Dan il-film kien ġibdu, Lawrence Xuereb, in-neputi ta' Monsinjur Xuereb. Naħseb li din kienet l-ewwel konsagrazzjoni ta' knisja f'Malta li partijiet taċ-ċerimonja tagħha nġibdu film.

Biex tkun ikkommemorata l-konsagrazzjoni tal-knisja,il-poplu Pawlist kien ġie mistieden biex f'dan il-jum jixgħel il-gallariji u jagħmel il-fjakkoli fuq il-bjut. Il-knisja kienet tat l-eżempju. Kienet saret mixegħla ġenerali bil-fjakkoli tal-koppla u d-dawra tagħha. Kien ħa ħsiebha Midju Agius, magħruf bil-laqam ta' Patrokki. Jien niftakru tajjeb lil dan ir-raġel, li meta kien jiġi fis-sagristija, kien dejjem jitkellem dwar tfulitu bħala abbati f'Santa Ubaldeska u dwar il-kapaċità tiegħu li jdoqq il-qniepen. Baqa' jdoqqhom anki meta sar raġel. Kien jgħidilna

kif kien daqqhom meta miet il-Papa Benedittu XV. Minħabba li fi żmienu kienu saru l-pjanti tal-knisja, il-mewt tiegħu kienet inħasset sew mill-komunità parrokkjali. Dam sigħat idoqq in-noti kiebja biex iħabbar il-mewt ta' Benedittu XV! Saħansitra naqqax fuq il-ħajt tal-kampnar kif kien daqq it-transitu, li kien il-mod kif jindaqqu l-qniepen meta jmut xi Papa. Lilna l-abbatini kien qalilna li jekk xi darba nitilgħu fil-kampnar ta' Santa Ubaldeska, għandna nsibuhom imnaqqxa hemm kif kien daqqhom. Meta darba tlajt, ħafna snin ilu, rajt tħażżiż li beda jitmermer u jitfarfar biż-żmien. Dan Midju kien ukoll fratell tal-Fratellanza tad-Duttrina ta' Ħal Tarxien u kien imur jakkumpanja dejjem fil-festa tagħha, sakemm saħħtu ħallietu. Kellu l-kapaċità kif jagħmel il-fjakkoli. Kien jiġbor r-rottam tax-xema' matul is-sena, iħallathom ma' serratura u xi drapp u bi ftila u xi likwidu kimiku, u jqiegħed it-taħlita f'bottijiet, b'hekk xegħel id-dawra tal-gwarniċun minn barra tal-knisja u l-koppla. Il-fjakkoli mixgħula kienu taw dehra stupenda lill-knisja. Jien niftakarhom jixegħlu l-koppla bil-fjakkoli. Iżda ħadd ma kien jirbaħ lil Midju għal kif tagħmel fjakkola.



***Dehra tal-knisja minn wara, meħud minn fuq il-flattijiet ta' ħdejn il-bandli.***
***Juri kif kienet tidher meta l-koppla kienet tinxtegħel bil-fjakkoli.***

Is-Superjur Ġenerali tal-Mużew, il-mibki Ċikku Saliba, li jien niftakru sew u kien joqgħod fi Triq l-Arkata, inzerta dakinhar il-belt Valletta u meta ħares lejn il-knisja mixgħula bil-fjakkoli minn barra Putirjal, ra dehra quddiemu li baqa' jitkellem dwarha. It-3 ta' Ġunju kienet lejla ta' tmiem ir-rebbiegħa u ġa kien beda jinħass is-sajf. Dakinhar qamet żiffa ħelwa u l-fjammi tal-fjakkoli taw dehra ta' knisja qed taqbad u b'hekk ġiet ikkreata illużjoni optika ta' koppla qed iddur bil-mod fuqha nnifisha.

Illum nimmaġina li Saliba ra din ix-xena kif aħna rajna l-installazzjoni grafika fuq il-faċċata u l-koppla tal-bażilika tal-Vatikan fil-ftuħ tas-sena tal-Ġublew tal-Ħniena. Fuq kollox, l-idea li jinxtegħlu l-koppli f'pajjiżna ħadnieha minn Ruma, fejn il-koppla tal-Vatikan kienet tinxtegħel

fil-festa ta' San Pietru u San Pawl bil-lampi taż-żejt. Il-katidral tal-Imdina beda jagħmel l-istess u jixgħel il-gwarniċi tiegħu bil-fjakkoli lejlet l-Imnarja. Raħal Ġdid ħa din l-idea u grazzi għal Midju kien ġie kkrejat spettaklu li llum qed ikun ikkrejat mill-ġdid permezz ta' installazzjonijiet diġitali u dwal.

Midju Patrokki kien ukoll jieħu ħsieb jagħmel il-maskli ta' nhar il-festa.Kien juża teknika qadima ta' kif iħallat il-polvri li tmur għal żmien l-Ordni ta' San Ġwann. Grazzi għal Midju, din it-teknika tal-isparar tal-maskli *in salvo* jew *blank,* baqgħet tintuża kważi saż-żminijiet riċenti. Min jaf jekk għal din l-okkażjoni tal-konsagrazzjoni tal-knisja kienx ipprepara xi maskla jew tnejn. Li kieku għadu magħna kont nistaqsih żgur!

Fuq kollox, dawk li attendew għal din iċ-ċerimonja, ningħataw santa ta' tifkira. Fuq quddiem tagħha, kien hemm ritratt tal-knisja mill-faċċata u fuq wara l-kliem li jfakkru dan l-avveniment storiku.

Dawn l-aneddoti għidthom ħalli jibqgħu mfakkra x'uħud mill-protagonisti wara l-bini ta' dan it-tempju.Fil-verità hemm aktar stejjer u jalla xi darba jinkitbu. U meta jinkitbu jkunu xhieda ta' kemm kien kompless il-bini ta' din il-knisja. Il-kitba tal-istorja ta' dawn in-nies li kkontribwew għall-bini ta' din il-knisja hija importanti għaliex aktar minn qatt qabel, qed ikun rikonoxxut il-fatt li dan il-bini ġewwa Raħal Ġdid huwa wieħed mill-aktar xogħlijiet importanti fl-arkitettura Maltija li saru matul is-seklu għoxrin.